# Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam

**Sir Muħammad Zafrullah Khan**
*Imħallef fil-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja*

**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

# The Concept of Justice in Islam
Maltese Translation

## Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam

Kitba ta'
Sir Muħammad Zafrullah Khan

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel**: +356-27342401
**Mob:** +356-79320139
**Tel**: +356-21322105
**Fax:** +356-27322105

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyyamalta.org**
**www.ahmadiyya.org.mt**

**ISBN 978-99957-59-06-3**

*Stampa:* © shutterstock.com

# Introduzzjoni

## Dwar l-Awtur:

Sir Muħammad Zafrullah Khan (1893-1985) kien magħruf internazzjonalment bħala ġurista, politiku u teologu ta' kalibru kbir. Kien skular distint fir-reliġjonijiet tad-dinja u membru onorat tal-Komunità Aħmadija Musulmana fl-Iżlam.

Sir Muħammad Zafrullah Khan inħatar bħala l-ewwel Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Pakistan (1947-1954) u għal ħafna snin mexxa d-Delegazzjoni Pakistana fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda.

Huwa kien elett President għas-sbatax-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda (1962-63).

Inħatar Imħallef fil-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja f'Aja (Hague) fl-1954 u kien il-Viċi President tal-Qorti Internazzjonali bejn l-1958 u l-1961. Wara li serva bħala President tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda tul l-1962 u l-1963, huwa reġa' ġie elett bħala Mħallef fil-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-1964 u serva bħala President tal-Qorti mill-1970 sal-1973.

Wara li rtira, beda jaqdi 'l-Missjoni tal-Musulmani Aħmadin f'Londra u ddedika l-bqija ta' ħajtu għas-servizz tal-Iżlam. Kien l-awtur ta' diversi kotba u ttraduċa ħafna kitbiet ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana.

## Dwar il-Ktieb:

Dan il-ktieb huwa resumè ta' indirizz mogħti minn Sir Muħammad Zafrullah Khan, Imħallef tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, waqt is-Seminar dwar l-Istudji Iżlamiċi, fl-Istitut tal-Istudji Iżlamiċi, l-Università ta' McGill, Montreal, il-Kanada, f'Novembru 4, 1954.

## Traduzzjoni bil-Malti:

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2016.

**Laiq Ahmed Atif**
*President*
*Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

بسم الله الرحمن الرحيم

F’Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

# Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam

Definizzjoni wiesgħa tal-ġustizzja, bla dubju ta’ xejn, hija li tagħti lil kulħadd dak li jistħoqqlu. L-Iżlam, madankollu, imur *oltre* minn din id-definizzjoni ta’ ġustizzja. Isostni li biex jinżamm livell sodisfaċenti ta’ ġustizzja huwa neċessarju li r-rimunerazzjoni tal-affarijiet m’għandhiex tkun f’ebda każ anqas minn dak li persuna taqla’, u li, min-naħa l-oħra, il-kastig għal xi għemil inġust m’għandux ikun akbar mill-inġustizzja jew trasgressjoni mwettqa. Kontravenzjoni ta’ dawn iż-żewġ prinċipji twassal għalhekk għal inġustizzja.

Minn xi daqqiet ġie ssuġġeriet li l-ewwel parti ta’ dan il-kunċett, ċoè li l-premju jew ir-rikompensa m’għandhomx ikunu anqas mill-gwadann ta’ dak li jkun, għandu jieqaf hemm, iżda kunċett riġidu ta’ ġustizzja jitlob li l-premju jew ir-rikompensa m’għandhomx jaqbżu dak li wieħed ikun ħadem għalih. L-Iżlam ma jaċċettax din il-limitazzjoni. Huwa jaħdem fuq il-prinċipju li t-tajjeb ikattar lilu nnifsu u għandu l-kwalità li jisboq, jew iwarrab, il-ħażen, u li, għalhekk, il-ġid maħluq mit-tajjeb m’għandux limitu. Għaldaqstant,

m'hemmx għalfejn ikun hemm limitu fuq il-premju jew ir-rikompensa ta' għemilu.

> Ċertament li l-għemejjel ġusti jwarrbu lill-għemejjel inġusti. Din hija nota ta' tfakkira għal dawk li se jiftakru. (Il-Koran Imqaddes, 11:115)

Il-Koran tenna dan il-prinċipju f'diversi siltiet.

> U r-rikompensa ta' xi inġustizzja trid taqbel mal-gravità ta' dik l-inġustizzja; iżda min jaħfer u l-azzjoni tiegħu ġġib ir-riformazzjoni, dan ikun ippremjat minn Alla. Bla dubju ta' xejn, Huwa ma jħobbx lil dawk li jwettqu l-ħażin. (42:41)

Dan il-vers jippreskrivi l-prinċipju li l-kastig għandu jkun proporzjonali mal-għemil ħażin jew l-inġustizzja li jkunu twettqu, iżda fejn il-maħfra tkun ħolqot ir-riformazzjoni, l-inġustizzja għandha tinħafer jew titnaqqas il-piena. Kontravenzjoni ta' dawn iż-żewġ prinċipji hija wkoll fiha nnifisha għemil inġust. Kastig eħrex minn dak mitlub mill-ħażin jew l-inġustizzja li jkunu saru, jew, maħfra f'każ fejn iċ-ċirkostanzi ma jindikawx li l-maħfra se twassal għal titjib jew riforma, huma t-tnejn ħżiena.

Għal darba oħra:

> Bla dubju, Alla mhux se jiġġudika lil xi ħadd ħażin lanqas bil-piż ta' atomu. U jekk jitwettaq għemil tajjeb, Huwa se jkattru u jagħti Minnu nnifsu premju kbir. (4:41)

L-istess prinċipju huwa mtenni f'kuntesti differenti.

Pereżempju:

> Għal dawk li jwettqu għemejjel tajbin, se jkun hemm l-aqwa premju u aktar benedizzjonijiet. La d-dlam u lanqas id-diżunur ma jgħattu lill-uċuħ tagħhom. (10:27)

> U għal dawk li jwettqu għemejjel ħżiena, il-kastig tal-att inġust ikun daqs l-att innifsu, u d-diżunur jgħattihom. (10:28)

Ta' min jirrimarka li l-protezzjoni kontra d-dlam u d-diżunur minn naħa u li tkun suġġett għad-diżunur min-naħa l-oħra mhumiex, f'sens strett, parti mill-premju jew mill-kastig, iżda huma konsegwenzi li jirriżultaw min-natura tal-azzjoni nnifisha f'kull każ. Huma kwalitajiet tat-tajjeb u l-ħażin rispettivament.

> Dak li jwettaq il-ġid jingħatalu għaxar darbiet iżjed; iżda dak li jwettaq il-ħażen, ikollu l-istess premju; u huma ma jġarrbux inġustizzja. (6:161)

> Min jagħmel ħaġa ħażina, ma jitħallasx ħlief b'għemil ħażin bħalha, u min jagħmel il-ġid, raġel jew mara, u jemmen – dawk jidħlu l-Ġenna u fiha jingħataw ġid bla qjies. (40:41)

Ta' min jispjega li billi l-għan tal-Iżlam huwa li jġib integrazzjoni sħiħa u żvilupp maħsub bejn il-fakultajiet kollha u fl-isferi kollha, is-sanzjonijiet dwar l-azzjonijiet u l-imġibiet kollha mhux biss huma materjali iżda wkoll morali u spiritwali. Fil-fatt huwa interessanti li wieħed jinnota b'rabta mal-kontroversja ta' x'jaqa' taħt is-suġġett tar-reliġjon u x'jaqa' taħt is-suġġett tal-liġi u l-politika, jew fi kliem ieħor, il-kontroversja dwar stat sekulari u dak reliġjuż, li l-Iżlam bl-ebda mod ma jagħmel din id-distinzjoni. L-Iżlam huwa stil ta' ħajja u huwa kodiċi ta' liġijiet li jirregolaw l-aspetti kollha tal-ħajja umana. Minn dan l-aspett huwa, jekk wieħed jixtieq ifissirha b'dan il-mod, l-aktar sekulari mir-reliġjonijiet kollha. Huwa fatt magħruf li m'hemmx saċerdozju jew ġerarkija tal-knisja fl-Iżlam. B'riżultat ta' dan, m'hemmx sagramenti jew ċerimonji li jridu jsiru minn jew permezz ta' qassisin ordnati.

Qabel l-Iżlam, il-kunċett tal-ġustizzja fl-Arabja kien wieħed purament patrijarkali kemm fil-familja kif ukoll fit-tribù, u bejn tribujiet differenti kienu jippruvaw joħolqu l-ordni b'mod simplistiku wara suċċessjoni ta' tilwim u vendetti tribali. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja bbażata fuq il-liġi, id-drittijiet, id-dmirijiet u l-konsegwenzi permezz tal-organizzazzjoni ta' qrati u mħallfin, ma kinitx familjari mal-Għarab. L-Iżlam mhux biss introduċa dan il-kunċett iżda ra li s-soluzzjonijiet għall-argumenti permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji jsiru obbligatorji għall-Musulmani.

> Iżda le, għall-Mulej tiegħek, huma ma jemmnux sakemm ma jagħmlukx imħallef ta' dak kollu li sejjer ħażin bejniethom u mbagħad ma jkun hemm l-ebda dubju f'qalbhom dwar dak li inti tiddeċiedi u tissottometti b'sottomissjoni sħiħa. (4:66)

Dan il-vers jafferma, l-ewwel nett, l-obbligazzjoni li t-tilwim irid jissolva b'mod ġudizzjarju; it-tieni l-obbligu morali li ladarba l-proċess ġudizzjarju ntemm b'deċiżjoni finali, dik id-deċiżjoni trid tiġi aċċettata mingħajr ma tħalli l-ebda traċċa ta' dubju jew riżentiment fl-imħuħ tal-partijiet ikkonċernati tmur fejn tmur id-deċiżjoni; u finalment li d-deċiżjoni tiġi sottomessa u titwettaq sal-aħħar.

Dawk li mhumiex familjari mal-istil u l-idjoma tal-Koran jistgħu jkunu disposti biex jillimitaw it-tifsir ta' din is-silta għal ġudizzji maqtugħa mill-Qaddis Profeta nnifsu. Dan ma jkunx korrett. Ħafna drabi meta l-Profeta huwa indirizzat direttament, il-kmandament, l-ordni jew l-obbligazzjoni tkun immirata lejn il-fidili kollha, u għandha applikazzjoni ġenerali. Lanqas hu l-lok hawnhekk biex nattribwixxu dehen speċjali għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qaddis Profeta. Huwa stess kien ċar ħafna fuq dan il-punt. Huwa kien fiehem li biex jiddeċiedi dwar argument huwa kien jipprova jasal għall-verità tal-kwistjoni fuq dak li jkunu ppreżentaw dwar il-każ il-partijiet involuti. Huwa jista' jiżbalja u għalhekk jista' jikkonċedi xi ħaġa lil xi parti li ma tkunx intitolata għaliha. Jekk jiġri hekk il-parti li skont il-ġudizzju tiegħu jew tirkupra xi ħaġa li huwa jew hija mhumiex intitolati għaliha tkun ħatja talli għamlet tiegħu jew tagħha b'mod inġust xi ħaġa li tappartjeni lil ħaddieħor.

Dan il-vers għaldaqstant jenfasizza l-obbligatorjetà li t-tilwim għandu jinqata' permezz tal-proċess ġudizzjarju u li jkun hemm sottomissjoni sħiħa lejn il-ġudizzju finali mhux biss biex jiġi mwettaq, iżda li wieħed jaċċetta dan il-ġudizzju b'tali mod li ma jkunx hemm riżentiment jew sens ta' ċaħda f'qalb dak li jkun.

L-imħallfin ġew ordnati li jwettqu dmirijiethom b'mod imparzjali.

> Tassew, Alla amarkom biex tnisslu fiduċja f'dawk li huma intitolati għaliha, u li, meta tiġġudikaw bejn in-nies, dan tagħmluh bil-ħaqq. U tassew hu eċċellenti dak li Alla jwissikom bih! Tabilħaqq Alla jisma' kollox u jara Kollox. (4:59)

L-obbligazzjoni li titwettaq il-ġustizzja hija assoluta u mhix suġġetta għall-ebda limitazzjoni jew modifikazzjoni b'referenza għall-partijiet fuq xi argument, jew b'referenza jekk humiex Musulmani jew le, jew jekk għandhomx kunflitt mal-Musulmani jew humiex f'alleanza magħhom.

> Intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla biex taraw li jkun hemm sens ta' ġustizzja; u tħallux il-mibegħda għal xi nies iġġagħalkom taġixxu b'mod ħlief bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, għax dan huwa eqreb lejn l-onestà. Ibżgħu minn Alla. Alla tabilħaqq jaf sew b'dak li tagħmlu. (5:9)

Kif ingħad diġà, l-Iżlam huwa stil ta' ħajja u huwa wkoll kodiċi ta' liġijiet u regolamenti. Bħala eżempji tal-mod kif, u l-attenzjoni li biha, il-Koran ifittex li jifforma standards ta' mġiba u jippreserva u jipproteġi t-testimonjanzi, trid tingħata attenzjoni għal li ġej:

Intom li temmnu, meta tissellfu mingħand xulxin għal perjodu fiss, agħmlu kollox bil-miktub. Ħa jikteb skriba dan fil-preżenza tagħkom b'mod onest; u l-ebda skriba m'għandu jirrifjuta, il-għaliex huwa Alla li għallmu, mela ħalluh ħa jikteb u ħallu jmexxi lil dak li ġab fuqu dan l-obbligu finanzjarju; u hu għandu jibża' minn Alla, il-Mulej tiegħu, u ma għandu jnaqqas xejn mill-verità. Iżda jekk il-persuna li għandha l-obbligu finanzjarju (li jrodd is-self) ma tkunx tifhem jew tkun dgħajfa jew mhijiex kapaċi tiddetta, mela ħallu lil xi ħadd li jista' jeħdilha ħsieb l-interessi tagħha jmexxi b'ġustizzja. U ġibu żewġ xhieda minn fost l-irġiel tagħkom; u jekk żewġt irġiel ma jkunux disponibbli, mela raġel u żewġ nisa, li jkunu tal-għażla tagħkom bħala xhieda, biex jekk waħda minnhom tinsa, waħda tfakkar lill-oħra. U x-xhieda ma għandhomx jirrifjutaw meta jissejħu. U tħossukomx tqal biex tiktbu kollox, żgħir jew kbir, flimkien maż-żmien miftiehem tal-ħlas. Dan hu aktar ġust f'għajnejn Alla u jagħmel it-testimonjanza aktar sigura u aktar jgħinkom biex ma timtlewx bid-dubji; għalhekk la tonqsux milli tiktbu ħlief jekk ikollkom oġġetti bil-lest li jistgħu jgħaddu minn id

għall-oħra, u f'dan il-każ ma jkollkom ebda ħtija jekk ma tiktbuhx.

U araw li jkollkom ix-xhieda kull meta tagħmlu xi negozju bejnietkom; u tħallu l-ebda ħsara ssir lill-iskriba jew lix-xhieda. U jekk tħallu din il-ħsara ssir, mela kunu ċerti li dan l-għemil jitqies bħala diżubbidjenza min-naħa tagħkom. Ibżgħu minn Alla; Alla jagħtikom l-għerf u Alla jaf b'kollox.

U jekk tkunu qed tivvjaġġaw, u ma ssibux skriba, mela araw li jkun hemm kapparra b'pussess. U jekk wieħed minnkom jafda lil xi ħadd b'xi ħaġa, mela ħallu lil dak li ġie fdat iċedi l-fiduċja tiegħu u ħalluh jibża' minn Alla Sidu. La taħbux ix-xhieda, u kull min jaħbiha, qalbu żgur li tkun midinba. Alla jaf sewwa intom x'tagħmlu. (2:283-284)

U:

U tersqux lejn il-proprjetà tal-iltim, ħlief biex tagħmlu l-ġid, sakemm dan jilħaq il-maturità tiegħu. U nnegozjaw b'onestà. Aħna ma nagħtu xogħol lil ħadd ħlief skont il-kapaċità tiegħu. U meta titħaddtu, agħmlu dan b'onestà, anki jekk il-persuna kkonċernata

> tkun tiġi minnkom u wettqu l-patt ta’ Alla. Dan hu dak li jordnalkom, ħalli tibqgħu tiftakru. (6:153)

Jidher ċar li dawn iż-żewġ siltiet qosra jinkorporaw fihom għadd sostantiv ta’ ordinanzi u regoli proċedurali u testimonjali. Kull kuntratt, ħlief f’każi eċċezzjonali, għandu jitniżżel bil-kitba. Il-kitba għandha tiġi ddettata mill-parti li assumiet jew ħadet f’idejha l-obbligazzjoni, u fejn din il-parti ma tkunx kompletament kompetenti, għandu jiddetta l-kustodju tagħha. L-iskriba u x-xhieda huma obbligati li jiktbu kollox b’onestà, li jersqu ’l quddiem biex jixhdu meta mitluba li jagħmlu dan, u li jixhdu b’mod sinċier.

Hemm aktar regoli li għandhom x’jaqsmu mal-amministrazzjoni tal-proprjetà ta’ ltim u man-negozju rett u ġust, li wieħed jagħti lil dak li jkun dak li ħaqqu. Hemm enfasi partikolari fuq li wieħed jitkellem b’mod sinċier u onest fejn il-persuna kkonċernata tkun qarib. It-twettiq ta’ dawn l-obbligazzjonijiet huwa deskritt bħala l-eżekuzzjoni tal-ftehim m’Alla. L-enfasi dwar is-sanzjonijiet morali u spiritwali hija miżmuma.

Id-dinjità tal-uffiċċju ġudizzjali dejjem kienet għalkollox protetta fl-Iżlam. L-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura twaqqfet mill-bidu nett. Hemm każijiet irrekordjati fejn l-imħallef mexa mal-istandards riġidi

tal-ġustizzja u mal-evidenza mitluba sabiex jiġi stabbilit xi fatt, anki meta wieħed mill-partijiet ikkonċernati kien il-Kap tal-Istat innifsu, għalkemm, ovvjament, fil-kapaċità privata tiegħu.

Ta' min ifakkar li dan kollu twaqqaf, ġie osservat bl-akbar reqqa u tħaddem aktar minn tlettax-il mitt sena ilu. Huwa ta' dispjaċir kbir li wħud mill-istandards għolja li waqqaf l-Iżlam ma nżammux b'mod konsistenti fi żminijiet li ġew aktar tard, iżda l-entużjażmu li għandhom il-Musulmani li huma anzjużi biex jistabbilixxu mill-ġdid il-valuri Iżlamiċi huwa awgurju inkoraġġanti għall-ġejjieni.

# PUBBLIKAZZJONIJIET OĦRA

- Alla fis-Seklu 21
- Is-Sawm
- Il-Velu fl-Iżlam
- Il-Mara fl-Iżlam
- It-Tislijiet Iżlamiċi
- Aspetti tat-Talb Iżlamiku
- Għaliex Nemmen Fl-Iżlam?
- Festi u Ċerimonji Musulmani
- Il-Koran Imqaddes
- Il-Messija Mwiegħed[as]
- Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ġesù u Marija fil-Koran Imqaddes
- Id-Dmirijiet ta' Ċittadin
- Kalifat, Paċi u Ġustizzja
- It-Trobbija Xierqa tat-Tfal
- Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam
- Muħammad[sa] Dak li Llibera 'l-Mara
- Il-Kunċett Veru tal-Ġiħad Iżlamiku
- Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi
- Il-Ħaġġ - il-Pellegrinaġġ lejn Mekka
- L-Iżlam, theddida jew sors għall-paċi?
- Il-Prinċipji Fundamentali tal-Iżlam
- Kif iħares l-Iżlam lejn it-Terroriżmu
- M'hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!
- Kif Nistgħu Nkunu Meħlusin Mid-Dnub
- L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla
- Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]
- Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt
- Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ir-Relazzjoni bejn ir-Reliġjon u l-Politika fl-Iżlam
- FAQ - Mistoqsijiet Komuni dwar l-Iżlam
- Il-Perspettiva Iżlamika fuq il-Kriżi Globali
- Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija
- Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari
- It-Tagħlim Iżlamiku dwar il-Lealtà lejn in-Nazzjon
- Rispett Lejn ir-Reliġjonijiet u l-Personaġġi Qaddisa
- Diskorsi Magħżula tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Il-Musulmani Jistgħu Jintegraw fis-Soċjetajiet tal-Punent?
- The Holy Prophet Muhammad[sa] in the Eyes of non-Muslim Scholars

**“The Concept of Justice in Islam”**
by Sir Muhammad Zafrullah Khan,
Judge of the International Court of Justice,
in Maltese language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759063